# BEATI U QADDISIN...MEJJU

MEJJU 7

SANTA ROSA VENERINI

Hemm zewg ragunijiet tajba hafna biex wiehed jiftakar f'din il-mara



qaddisa, kanonizata mill-Papa Benedittu XVI fis-sena 2006.

Kienet hi l-ewwel mara li hasbet u rrealizzat progett li tiftah iskejjel pubblici ghat-tfal tal-poplu gewwa l-Italja; ghamlet dan b'impenn kbir u kuragg straordinarju. Twieldet gewwa Viterbo fis-sena 1656. Missierha kien tabib u ommha kienet gejja minn familja tat-tajjeb.

Meta kienet zaghzugha kellha diffikulta biex taghraf x'kienet is-sejha taghha.  Fuq parir ta' missierha hija dahlet tipprova l-vokazzjoni taghha f'kunvent tad-dumnikani fejn kien hemm zijtha, imma telqet minn novizza billi miet missierha u fid-dar kien hemm il-bzonn ta' l-ghajnuna taghha.

U qatt ma regghet holmot li tidhol mill-gdid fil-kunvent ghaliex gharfet li l-hajja tal-kunvent ma kienitx tghodd ghaliha.  Fi zmien tlett snin, 1677 sa 1680 id-dar svuotat; l-ewwel izzewget ohtha, imbaghad miet huha ta' 27 sena u warajh ommha li ma felhitx iggarrab id-dulur.  Rosa sabet ruhha ma huha Orazio u fuq kollox bil-mistoqsija " *x'ser taghmel b'hajjitha."*

Kienet tahseb li la z-zwieg u anqas il-hajja religjuza ma kienu addatati ghaliha. Bid-direzzjoni ta' gwida spiritwali hija fittetx triq ohra.

Il-konfessur taghha beda' jmexxiha ftit ftit biex taghraf is-sejha taghha.  Hajjarha li tlaqqa fid-dar taghha xi nisa u tfajliet ta' l-inhawi u maghhom titlob ir-Ruzarju.  U kien f'dawn ic-cirkostanzi li Rosa ntebhet bil-faqar spiritwali u kulturali tal-mara fi zmienha.  Mat-talb hija ziedet xi taghrif baziku religjuz. U din kienet il-bidu ta' skola ghat-tfal u l-adolixxenti.

Fl-20 ta' Dicembru 1684, huha zzewweg u hi sabet ruhha libera li timxi fuq is-sejha taghha. Kriet kamra u nawgurat l-ewwel skola vera bil-ghajnuna ta' zewgt ihbieb taghha u benefattrici.

Flimkien ma' zewg persuni ohra ta' l-istess belt fejn twieldet fethet fis-sena 1685 gewwa Viterbo skola pubblika biex tghallem liz-zaghzagh u fl-istess hin turihom it-triq tal-verita' u l-fidi.

Li jghixu ta' religjuzi fid-dinja u mhux fil-kuvent kienet xi haga ta' skandlu gewwa Viterbo u hawn beda' l-inkwiet. Il-gizwiti kienu jappogjawha, imma mhux il-kleru tal-lokal. B'insistenza u kuragg hija baqghet miexja 'l quddiem u bdew jizdiedu dawk li xtaqu jaghtu daqqa t'id.  Meta kienu jitolbuha biex tiftah skola go xi lokal iehor barra Viterbo hija kienet tibghat mill-ghalliema li bihom kienet imdawra.

Hija fethet skola taghha gewwa Ruma fejn fiha kien jattendi bhala skular  mhux tas-soltu l-papa Klement XI li ried jaccerta ruhu mill-mod ta' kif kienet tghallem u x'tghallem.  Taha certifikat sabih ghaliex qalilha li b'dawn l-iskejjel taghha kienet ser tqaddes lir-Ruma.

Gara li fi ftit snin fethet skejjel ohra fil-pajjiz. Ma kienx kollox ward u zahar ghal dawn in-nisa ghaliex kellhom ihabbtu wicchom ma' bosta resistenza.  Dawn in-nisa twajba ghalliema ta' l-iskejjel kienu jghixu flimkien fi grupp ta' tnejn jew tlieta, bejn hajja religjuza u dik lajkali.

Pero' Rosa mrobbija fl-ispiritwalita' gizwita baqghet izzomm iebes ghall kull resistenza ghax kienet temmen li dik kienet it-triq taghha u l-mod kif isservi lil Alla. Hija mietet f'Ruma fis-sena 1728 u giet midfuna fil-knisja ta' Gesu'